KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

7/8

**It-tmien (8) laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-Tnejn 27 ta' Lulju, 2015 fis-7.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Edwin Vassallo | - | Sindku |
| | Is-Sur Ivan Bartolo | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Alexander Muscat | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Keith Cassar | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Gianluca Busuttil | - | Kunsillier |
| | Dott Angele Rapa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Karl John Tanti | - | Kunsillier |
| | Is-Sa Maria Pia Bonnici | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Mark Micallef | - | Kunsilier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużati:** | Dott. Rachel Tua | - | Kunsillier |
| | Is-Sur James Cassar | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Mario Sammut | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Gatt | - | Kunsillier |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w Approvazzjoni tal-minuti ta~~t~~ Tmien Laqgħa
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Bord tal-Għażla ta' Ġieħ il-Mosta
5. Kommunikazzjoni mis-Sindku
6. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-7.45 ta' filgħaxija.

**1. Talba**

Is-Sindku qal it-talba.

**2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Ħames**

Il-minuti tas-seba (7) tal-Laqgħa li saret Nhar il-Ħamis 16 ta' Lulju 2015 ġew approvati b'mod unanimament.

**3. Affarijiet li jiqajjmu mil-minuti**

**Korrispondenza Nru 5 –**

Il-Kunsill Lokali ser itella attivita Konġunta mal-Oratorju Qalb ta Gesu is-Sibt 1 ta' Awwissu fuq zuntier tar-Rotunda . Għall din l-attivita il-Kunsill ser jipprovdi 200 siġġu .

Il-membri qablu unanimament.

Festa 2015 – Is-Sindku stieden lis-Sur Keith Cassar sabiex jippreżenta il-programm tal-Festa . Is-Sur Keith Cassar spjega l-programm filwaqt li ppreżenta wkoll proposti ta' xogħol li jrid issir mill-kuntratturi għal żmien il-festa titulari.

Ara Anness 1.

Il-membri tal-Kunsill qablu mal-proposti li ressaq sabiex isir patching fi Triq Ġnejna qabel il-festa.

Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament . Ġie miftiehem ukoll proposta li tressqet sabiex isiru 4 mobile toilets bejn 13 – 15 ta' Awwissu 2015 fit-toroq viċin il-pjazza sabiex b'hekk ir-residenti u nies ta barra raħal ikunu moqdija aħjar. Il-membri qablu unanimament.

Is-Segretarju talab lis-Sindku sabiex jinforma lill-membri tal-Kunsill fuq memo 18/2015. L-Att dwar ir-resposabbilita Fiskali fejn is-Segretarju nforma lill-membri fil-qosor dwar Kapitlu 534 dwar l-Att tar-responsabbilita fiskali. Il-membri tal-Kunsill ingħataw kopja ta dan il-kapitlu . Il-membri qablu unanimament li għadna nimxu ma din il-memo maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Is-segretarju kompla billi nforma lis-Sindku u lill-membri sabiex jiġi ffurmat il-bord tal-aġġudikazzjoni minħabba l-fatt li l-Kunsill għandu tenders skaduti li jridu jfittxu li joħorġu b'mod imminenti. Is-Segretarju ippropona li l-ewwel 4 tenders għandhom jinħarġu għad-diskussjoni fil-laqgħa li jmiss.

Sindku qabel ma dan u kkonferma li fil-laqgħa ta' Awwissu ser jaħtar il-bord tal-aġġudikazzjoni u jiġu diskussa l-ewwel 4 tenders . Is-Sindku talab lil Dr Karl Tanti membru tal-Kunsill sabiex jevalwa l-kontenut ta' dawn it-tenders .

Il-membri tal-Kunsill qablu b'mod unanimu.

**4. Bord tal-Għażla ta' Ġieħ il-Mosta**

Is-Sindku stieden lill-Viċi Sindku is-Sur Ivan Bartolo sabiex jitkellem u jressaq l-emendi li saru. Is-Sur Bartolo qal li kemm għall-Ġieħ u kemm għar-Rikonoxximent għandu jittieħed vot sigriet. Ir-rikonoxximent ser jinqasam kif ġej :

a) Kulturali - **Li taqa taħt ir-responsabbilita tal-Kunsillier James Cassar**
b) Filantropiku – **Li taqa taħt taħt ir-responsabbilita tal-Kunsillier Joe Gatt**
c) Sportiv – **Li taqa taħt taħt ir-responsabbilita tal-Kunsillier Gianluca Busuttil**
d) Akkademiku - **Li taqa taħt taħt ir-responsabbilita tal-Kunsillier Karl Tanti**
e) Umanitarju - **Li taqa taħt taħt ir-responsabbilita tal-Kunsillier Rachel Tua**
f) Volontarju - **Li taqa taħt taħt ir-responsabbilita tal-Kunsillier Pia Bonnici**

Jingħata wkoll lil :-

g) Tifel jew tifla Mosti/Mostija li huma ta' ispirazzjoni u motivazzjoni għal tfal oħra Mostin. - **Li taqa taħt taħt ir-responsabbilita tal-Kunsillier Angele Rapa**

h) Żagħżugħ/a li ħalla/ħalliet impatt fil-komunita' - **Li taqa taħt taħt ir-responsabbilita tal-Kunsillier Mark Micallef**

i) Anzjan/a li bil-ħidma tagħhom servew ta' eżempju u qdew dmirhom b'onesta', b'effiċjenza, diliġenza u altruwiżmu - **Li taqa taħt taħt ir-responsabbilita tal-Kunsillier Mario Sammut**

j) Ex-Membru fil-Kunsill (ex-Kunsillier jew ex-Sindku) li servew lil komunita' u ħarġu bl-unuri kollha - **Li taqa taħt taħt ir-responsabbilita tal-Kunsillier Keith Cassar**

(Anness 2)

Is-Sindku kompla billi nforma lill membri tal-Kunsill li ser jibgħat korrispondenza liż-żewġ banek Bank of Valletta fejn ser jitolbhom sabiex ikunu jaħdmu b'konġunzjoni mal-Kunsill għal Ġieħ il-Mosta 2015 u lill-Bank APS fejn ser jitlobhom sabiex jgħinu lill-kittieb Is-Sur Stanley Mangion sabiex jippubblika ktieb dwar il-Mosta u għaldaqstant ikun preżentat f'din il-ġurnata.

**5. Kommunikazzjoni mis-Sindku.**

1. Is-Sindku nforma lill-membri li qiegħed isir xi xogħol fiċ-ċimiterju tal-Mosta sabiex ikun aċċessibbli għal persuni b'diżabilita.

2. Is-Sindku nforma lill-kunsill li bagħat ittra lil producers tal-films The Tempest kif kien mitlub waqt il-laqgħa tal-Kunsill li kellna ma l-istess producer bil-għan li jgħina b'mod finanzjarju sabiex jitranġa il-playing field ta' Mlit.

3. Is-Sindku nforma wkoll lill-membri li ser ssir Press Conference flimkien mal Kumpanija Green Pak dwar il-ħinijiet ġodda li ser jinġabar skart ġewwa l-Mosta.

4. Is-Sindku nforma lill-membri ili l-bankina ta Triq Valletta fejn ġej il-PAMA trid ssir mill-PAMA stess kif kienet qabel ma beda xogħol jiġifieri bil-madum aħmar.

Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**6. Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-nhar il-Tlieta 25 ta' Awwissu 2015 fis-7.30 p.m.

Laqgħa spiċċat fi-21.40 ta filgħaxija.

Edwin Vassallo
Sindku

Michael Mifsud
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: 25/8/2015

**Centru Civiku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, MST 9059 - Malta**
**Tel: 2141 6841 Fax: 2141 0245**
**E-Mail: mosta.lc@gov.mt**

# PROGRAMM

# TA' INDAFA WAQT L-JIEM

# TAL-FESTA TA' SANTA MARIJA - MOSTA | 2015

## L-Erbgha 29 ta' Lulju 2015

7:30p.m. Pellegrinaġġ bir-roti madwar it-toroq tal-Mosta. L-pellegrinagg jibda mill-**Pjazza Rotunda, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Triq Anglu Gatt, Triq ir-Rebbiegha, Triq il-Barrieri, Triq l-Oratorju, Triq Pont, Triq Baskal Buhagair, Triq Carmelo Dimech, Triq il-Pont, Triq id-Difiza Civili, Triq il-Kostituzzjoni lura ghall-Pjazza Rotunda.** Wara jkun hemm pellegrinagg iehor li jghaddi minn dawn it-toroq: **Pjazza Rotunda, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Triq it-Torri, Triq Grognet, Triq San Gwann, Triq il-Kbira, lura ghall-Pjazza Rotunda.**

## Il-Hamis 30 ta' Lulju 2015

7:00p.m. Quddiesa fi **Triq San Anton Abbati**, ħdejn il-**Kappella ta' San Anton**, u wara pellegrinaġġ, li jgħaddi minn **Triq San Anton Abbati, Triq Dun Salv Magro, Triq il-Barrieri, Triq Gafà, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Pjazza Rotunda, zuntier**, għall-Knisja Arċipretali.

8.30p.m. Programm mużikali mill-Banda Nicolò Isouard fil-**Pjazza Rotunda** quddiem iz-**zuntier** tal-Knisja.

## Is-Sibt 1 ta' Awwissu 2015

8:30p.m. Theotokos. Rappreżentazzjoni Marjana b'siltiet mill-ħajja ta' Marija minsuġa mill-istorja ta' Malta u l-Mosta. Din ir-rappreżentazzjoni se ssir fil-**Pjazza Rotunda** fuq iz-**zuntier** tal-knisja Arċipretali tal-Mosta

## Il-Gimgha 7 ta' Awwissu 2015

6:00p.m. Tibda mixja bil-kant u bix-xbieha ta' Santa Marija sal-knisja Arċipretali. Din tgħaddi **minn Triq il-Papa Ġwanni XXIII, Triq il-Kurat Schembri, Triq it-Tabib Chetcuti, Triq il-Kbira għall-Pjazza Rotunda, zuntier**, għall-Knisja Arċipretali.

## Is-Sibt 8 ta' Awwissu 2015

8.30p.m. Lejla Maltija / BBQ organizzat mis-Socjeta Piroteknika 15 ta' Awwissu fi Pjazza San Anard.

## Il-Ħadd 9 ta' Awwissu 2015

9:00p.m. Il-Banda Santa Marija tesegwixxi programm mużikali u vokali fi **Pjazza Rotunda** quddiem iz-**zuntier** tar-Rotunda

## It-Tnejn 10 ta' Awwissu 2015

6:30p.m. Quddiesa kkonċelebrata mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Pawlu Cremona O.P. **Pjazza Rotunda u zuntier**- Wara l-Quddiesa l-E.T. Mons Pawlu Cremona O.P. se jiftaħ wirja fis-Sala Papa Wojytla, tal-Oratorju Marija Immakulata fi **Triq il-Kurat Calleja.**

8:30p.m. Il-Banda Nicolò Isouard tibda marċ mill-każin li jgħaddi minn dawn it-toroq: **Triq il-Kbira, Triq it-Tabib Chetcuti, Triq id-9 ta' April, Triq San Pawl Eremita, Triq il-Wied, Triq il-Kostituzzjoni u Pjazza Rotunda**

11:30p.m. Jingħata bidu għall-ħruq tan-nar tal-art fi **Pjazza Rotunda** mill-Għaqda Piroteknika 15 ta' Awwissu.

## It-Tlieta 11 ta' Awwissu 2015

8:30p.m. Il-Banda Nicolò Isouard tibda marċ mill-każin li jgħaddi minn dawn it-toroq: **Triq il-Kbira, Triq San Ġwann, Triq Grognet, Triq Ċejlu Tonna, Triq Xorxa, Triq Ġużeppi Callus, Triq Għarusa tal-Mosta, Triq Gafa, Triq Ċejlu Tonna, Triq l-Mitħna l-Qadima, Triq Brittanja, Triq Dun Mikiel Xerri, Triq il-Kbira**

## L-Erbgha 12 ta' Awwissu 2015

6:30p.m. Quddiesa għall-morda u għall-anzjani fil-Knisja Arċipretali. Wara jkun hemm bibita fuq iz-**zuntier** fi **Pjazza Rotunda**

8:30p.m. Il-Banda Nicolò Isouard tibda marċ mill-każin li jgħaddi minn dawn it-toroq: **Triq il-Kbira, Pjazza Rotunda, Triq il-Kbira, Triq Sant Anna, Triq Sant Anton Ababti, Triq il-Barrieri, Triq ir-Rebbiegħa, Triq Gafà, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Triq it-Torri, Triq l-Oratorju, Triq il-Kbira għal Pjazza Rotunda.**

## Il-Ħamis 13 ta' Awwissu 2015

9:00p.m. Il-Banda Nicolò Isouard iddoqq il-marċ il-kbir li jibda minn tarf **Triq il-Kungress Ewkaristiku** għal **Pjazza Rotunda**, sal-każin.

## Il-Ġimgħa 14 ta' Awwissu 2015

6.45 p.m. Transulazzjoni : **Zuntier, Pjazza Rotunda, Triq il-Kbira, Triq l-Oratorju, Pjazza Oratorju, Purcissjoni mill-Oratorju Qalb ta' Gesu sal-Knisja li tghaddi minn Triq il-Kungress Ewkaristiku, Pjazza Rotunda**, ghall-Knisja Arcipretali.

6:45p.m. Il-Banda Imperial tal-Mellieħa tieħu, sehem fit-Tranżulazzjoni u wara tkompli b'marċ f'dawn it-toroq: **Pjazza Rotunda, Triq il-Kbira, Triq il-Pont, Triq-il-Biċċerin u Triq il-Kbira.**

Wara tesegwixxi programm fuq il-planċier fi **Pjazza Rotunda**.

8:30p.m. Il-Banda Santa Marija tagħmel marċ minn tarf Triq il-Kungress Ewkaristiku sa Pjazza Rotunda

11.30 p.m. Jingħata bidu għal ħruq tan-nar tal-art fi **Pjazza Rotunda** mill-Għaqda Piroteknika Santa Marija.

## Is-Sibt 15 ta' Awwissu 2015 - Jum il-Festa

9:15a.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-Eċċ. Tiegħu Monsinjur Charles J. Scicluna Arċisqof ta' Malta - **Zuntier, Pjazza Rotunda**

11:00a.m. Il-Banda Santa Marija, bl-inizjattiva tal-istess Banda, tagħmel marċ li jibda minn **Triq il-Kungress Ewkaristiku sa Pjazza Rotunda.**

7.00 p.m. Toħroġ il-purċissjoni bl-Istatwa Titulari ta' Santa Marija u tghaddi minn dawn it-toroq: **Pjazza Rotunda, Triq il-Kbira, Triq il-Gnejna, Pjazza Brittanja, Triq il-Mithna l-Qadima, Triq it-Torri, Triq Cassar, Triq Gafa, Triq il-Kungress Ewkaristiku** lura ghall-**Pjazza Rotunda**.

7:00p.m. Il-Banda Konti Ruġġieru ddoqq marċ fi **Triq il-Kostituzzjoni u Pjazza Rotunda** u wara tesegwixxi programm fuq il-planċier, ġewwa **Pjazza Rotunda**.

## Onoroficenza Gieħ il-Mosta / Rikonoxximent

Xi tagħrif dwar dawn l-unuri:-

Fl-ewwel fażi jingħata Rikonoxximent lil dawk il-Mostin li ddistingwew ruħhom b'eċċellenza fil-qasam :-

a) Kulturali — James Cassar
b) Filantropiku — Joe Zarb
c) Sportiv — Gianluca Busuttil P.
d) Akkademiku — Karl Tanti.
e) Umanitarju — Ratchel.
f) Volontarju — Pia Bonnici.

Jingħata wkoll lil :-

g) Tifel jew tifla Mosti/Mostija li huma ta' ispirazzjoni u motivazzjoni għal tfal oħra Mostin. — Rapa Angele
h) Żagħżugħ/a li ħalla/ħalliet impatt fil-komunita' — Mark ~~Azzopardi~~ Micallef
i) Anzjan/a li bil-ħidma tagħhom servew ta' eżempju u qdew dmirhom b'onesta', b'effiċjenza, diliġenza u altruwiżmu. — Mario Sammut.
j) Ex-Membru fil-Kunsill (ex-Kunsillier jew ex-Sindku) li servew lil komunita' u ħarġu bl-unuri kollha. — Keith Cassar

10 membri mill-komunita' li ngħataw Rikonoxximent, issa huma eliġibbli għal Ġieħ il-Mosta. Xi ħadd minnhom jingħata dan il-ġieħ. Minbarra dawn, jinżamm ukoll dak tradizzjonali, permezz tal-vot sigriet mill-Kunsilliera.

**Regolamenti**

1. Għal Ġieħ il-Mosta, il-persuna/persuni jkunu meħtieġa li ilhom joqogħdu ġewwa l-Mosta mhux anqas minn għaxar snin u li taw ġieħ jew isem lil Mosta.

2. L-ebda membru mill-komunita' ma jikkwalifika għall-għoti, f'każ li għadhom jokkupaw il-kariga li għandhom. (Eżempju Arċipriet, Deputat jew Kunsillier etc)

3. In-nominazzjoni għandha ssir fuq il-formola maħruġa mill-Kunsill. Minbarra Curriculum Vitae, għandu jikkiteb ukoll fil-qosor, għalfejn min qiegħed jinnomina u jissekonda jaħseb li din il-persuna għandha l-kwalitajiet meħtieġa sabiex tingħata dan ir-Rikonoxximent jew ġieħ.

4. Kulħadd għandu dritt jipproponi. Mhux eskluż li membru fil-Kunsill b'mod kollettiv jinnomina lil xi persuna għal dawn l-unuri.

5. Nominazzjonijiet jistgħu isiru minnindividwi jew grupp, la darba dawn ma jkunux membri ta' l-istess familja li jkunu qrib tal-persuna nominata.

6. In-nominazzjonijiet għandhom jibqgħu validi għas-snin ta' wara.

7. Dawn ir-rikonoxximenti u il-Ġieħ jingħataw waqt serata li l-Kunsill iħejji għal Jum il-Mosta.

8. Għar-rikonoxximent iridu jinħatru Bordijiet ta' mill-inqas tlett persuni. Ġieħ il-Mosta jintgħażel mill-membri tal-Kunsill. Id-deċiżjoni tal-Kunsill hija finali.

9. Id-dekorazzjoni tikkonsisti f'midalja, imnaqqxa fuqha l-Arma tal-Mosta, il-motto u kliem "Gieħ il-Mosta" jew "Rikonoxximent". Tingħata wkoll Diploma għall-mertu bis-siġill uffiċċjali tal-Kunsill.

10. Il-Kunsill Lokali għandu jirrikonoxxi u jfakkar lil dawn il-Mostin li jieħdu dawn l-unuri billi jżomm reġstru uffiċċjali ta' dawn l-onorati u li jiġu mistiedna għall-attivitajiet uffiċċjali tal-Kunsill bħala mistiedna distinti.